

Brussell, 16 ta' Mejju 2022
(OR. fr)

8707/22

SOC 247
EMPL 153
SAN 241

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li taħtar membru supplenti tal-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għar-Rumanija

1. Skont l-Artikolu 4(1), is-subparagrafu 3, u l-Artikolu 4(5) tar-Regolament (UE) 2019/126, il-membri u l-membri supplenti tal-Bord tat-Tmexxija li jirrappreżentaw il-gvernijiet, l-organizzazzjonijiet tal-impjegati u l-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem tal-Istati Membri jinħatru mill-Kunsill minn fost il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għal perjodu ta' erba' snin.
2. Bid-Deċiżjoni tiegħu tad-9 ta' April 2019¹, il-Kunsill ħatar il-membri u l-membri supplenti tal-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol. Madankollu, għad iridu jinħatru ċerti membri u membri supplenti fi stadju aktar tard.
3. Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill irċieva nomina ta' membru supplenti wieħed għar-Rumanija, kif imniżżel fl-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill fid-dokument 8706/22².

¹ ĠU C 135 tal-11.4.2019, p. 7.

² Test finalizzat mill-ġuristi lingwisti.

4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jista' għalhekk jissuġġerixxi li l-Kunsill:
- a) jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar membru supplenti wieħed tal-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għar-Rumanija, bħala punt "A", u
 - b) jiddeċiedi li jippubblika d-deċiżjoni għall-informazzjoni, f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
-